# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Lulju, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 748/2014**

***C. & F. BUILDING CONTRACTORS LIMITED***

***VS.***

***GĦAQDA MUŻIKALI MARIA ANNUNZJATA AD 1862, U VICTOR SEGUNA U ANTON BRIFFA GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAL-GĦAQDA MUŻIKALI MARIJA ANNUNZJATA AD 1862 FIL-KAPAĊITÀ RISPETTIVA TAGĦHOM BĦALA PRESIDENT U SEGRETARJU TAL-ISTESS***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar: (i) it-talba prinċipali magħmula mill-kumpannija attriċi C. & F. Building Contractors Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa f'din is-sentenza bħala 'C&F') sabiex hija titħallas mill-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata 1862 (minn issa 'l quddiem imsejħa f'din is-sentenza bħala 'l-Għaqda Mużikali') is-somma ta' €42,720 jew somma oħra fil-qrib bħala l-bilanċ tal-prezz li hija tgħid li għadu jrid jiġi mħallas lilha dwar xogħlijiet imwettqa minnha fil-proprjetà tal-Għaqda Mużikali; u (ii) dwar il-kontro-talba tal-istess Għaqda Mużikali sabiex hija titħallas għad-danni li tgħid li ġarrbet minħabba li l-kumpannija attriċi ma wettqitx ix-xogħlijiet fil-binja tal-każin tal-Għaqda Mużikali skont ma jitolbu s-sengħa u l-arti;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**<u>28 ta' Awwissu, 2014</u>**, C&F fissret li hija kienet ġiet imqabbda mill-Għaqda Mużikali sabiex twettaq xogħlijiet ta' bini fil-proprjetà tagħha. Hija spjegat li l-Għaqda Mużikali għamlet xi ħlasijiet akkont tal-prezz finali li ġie maqbul bejn il-partijiet iżda jonqosha tħallas lil C&F il-bilanċ ta' €42,720. Spjegat ukoll li x-xogħlijiet imwettqa minnha kienu ġew aċċettati mill-Għaqda Mużikali u li għalkemm hija sejħet lill-Għaqda Mużikali bil-miktub għadd ta' drabi biex tħallasha, din baqgħet ma wettqitx il-ħlas mitlub;

3. Għalhekk hija fetħet din il-kawża u talbet lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ammont ta' tnejn u erbgħin elf, seba' mija u għoxrin Ewro (€42,720) jew somma verjuri li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' appalt u xogħlijiet u materjal imwettqa u kkonsenjati lill-konvenuti fuq talba tagħhom kif premess f'dan ir-rikors ġuramentat u dan prevja kull dikjarazzjoni oħra opportuna;*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ in garanzija tat-talba u bl-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi kontra l-intimata li hi, fil-persuna tar-rappreżentanti ġuridiċi tagħha, inġunta minn issa in subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti skont il-liġi u naxxenti mill-fatti brevement indikati f'dan ir-rikors.»*

4. L-Għaqda Mużikali ppreżentat it-tweġiba maħlufa tagħha fl-**<u>10 ta' Ottubru 2014</u>**, u fiha hija ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi fl-ewwel lok, għalkemm is-soċjetà attriċi kienet ġiet inkarigata mill-għaqda intimata biex tagħmel xogħlijiet konnessi mal-binja tal-każin ġdid f'Ħal Tarxien, kuntrarjament għal dak iddikjarat mis-soċjetà attriċi fir-rikors promotur tagħha, is-soċjetà attriċi naqset milli teżegwixxi ċertu xogħlijiet skont is-sengħa u l-arti inkluż li pprovdiet materjal ħażin konsistenti f'konkos ta' kwalità ferm inferjuri minn dak miftiehem u mhux kif dirett mill-Perit Arkitett inkarigat;*
>
> *2. Illi fit-tieni lok, m'huwiex minnu li l-għaqda intimata għandha xi obbligu li tħallas l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi;*

*3. Salv eċċezzjonijiet oħra skont il-liġi.»*

5. Flimkien mat-tweġiba maħlufa tagħha, l-Għaqda Mużikali ressqet ukoll **kontro-talba** fejn fiha spjegat li hija kienet ħarġet sejħa għall-offerti sabiex titwaqqa' l-binja li kienet qiegħda sserviha bħala każin u tinbena oħra ġdida minflokha. Minn din is-sejħa ntgħażlet C&F biex twettaq ix-xogħlijiet. Hija tenniet li C&F ma ħadmitx kif kien mistenni minnha, wettqet xogħol ħażin, ipprovdiet materjal ta' kwalità inferjuri u kkawżat numru ta' ħsarat, inkluż ħsarat lil terzi. Fissret li b'konsegwenza ta' dan, hija ġarrbet danni, inkluż telf ta' qligħ;

6. Għalhekk hija talbet lil din il-qorti:

> *«1. Tiddikjara li s-soċjetà C & F Building Contractors Ltd hija unikament responsabbli għal danni subiti u nuqqasijiet li seħħew fil-binja tal-każin tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien, ta' xogħlijiet li ma ġewx eżegwiti skont is-sengħa u l-arti u ta' xogħlijiet li ma sarux kif pattwit;*
>
> *2. Tikkundanna lis-soċjetà C & F Building Contractors Ltd tħallas l-ammont li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida okkorrendo bl-opera ta' perit arkitett nominandi, rappreżentanti danni subiti u nuqqasijiet fl-iżvilupp tal-binja tal-każin il-ġdid tal-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata, ta' xogħlijiet li ma ġewx eżegwiti skont is-sengħa u l-arti u ta' xogħlijiet li ma sarux kif pattwit;*
>
> *u dan previa kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li jidhrulha xierqa u opportuni.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi, inkluż tar-rikors għall-kontro-mandat bl-imgħaxijiet legali kontra l-imsemmija soċjetà, li hija minn issa nġunta in subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti skont il-liġi u naxxenti mill-fatti brevement indikati f'dan ir-rikors.»*

7. Fit-**3 ta' Novembru, 2014**, C&F ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha għall-kontro-talba tal-Għaqda Mużikali fejn hija qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi t-talbiet rikonvenzjali huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-Għaqda rikonvenzjonanti;*

*2. Illi s-soċjetà esponenti eżegwiet ix-xogħlijiet illi kienet inkarigata li twettaq skont is-sengħa u l-arti u ma kkawżat ebda dannu lill-Għaqda rikonvenzjonanti anzi hija l-istess Għaqda rikonvenzjonanti nnifisha li hi debitriċi tal-esponenti kif premess fir-rikors promotorju tagħha;*

*3. Illi l-Għaqda Mużikali ma sofriet ebda dannu kaġun tax-xogħlijiet, liema xogħlijiet twettqu skont is-sengħa u l-arti u kif pattwit bejn il-partijiet;*

*4. Illi ma huma dovuti ebda danni naxxenti mill-allegat dewmien (i) stante li ma kien ġie maqbul ebda terminu għat-tlestija tax-xogħlijiet u (ii) għaliex fi kwalsiasi każ l-esponenti pproċediet diliġentament;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

8. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tat-**22 ta' Novembru, 2021**;

9. C&F ressqet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fl-4 ta' Frar, 2022 (ara paġni 467 sa 475 tal-atti tal-kawża), filwaqt li l-Għaqda Mużikali ressqet is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha fil-21 ta' April, 2022 (ara paġni 480 sa 504 tal-atti tal-kawża);

10. Imbagħad, fl-**10 ta' Mejju, 2022**, l-Għaqda Mużikali ppreżentat nota fejn fiha hija ddikjarat li l-ammont li hija qiegħda tippretendi li titħallas skont il-kontro-talba tagħha huwa dak ta' €63,853, li ġie maħdum skont il-prospett li jinsab f'paġna 222 tal-atti tal-kawża;

11. Inżammet seduta fis-**6 ta' Ġunju, 2022** biex il-partijiet jagħmlu l-aħħar sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum;

***Fatti***

12. Fil-25 ta' Ottubru, 2010, l-Għaqda Mużikali ħarġet sejħa għall-offerti biex jitwaqqa' l-każin tal-banda tagħha u jinbena ieħor ġdid fuq l-istess sit fejn kien jinsab (ara minn paġna 90 sa 178 tal-atti tal-kawża). Il-każin il-ġdid kellu jkun magħmul minn kantina b'żewġ sulari fuqha. Din is-sejħa ntrebħet minn C&F;

13. Minkejja li l-ftehim dwar ix-xogħlijiet li kien hemm mehmuż mas-sejħa baqa' ma ġiex iffirmat, għall-ħabta tas-sajf tas-sena 2011 C&F bdiet twettaq ix-xogħlijiet;

14. Il-binja tal-każin ġiet imwaqqa', sar xogħol ta' tħaffir fuq is-sit u sa Mejju tas-sena 2012, C&F kienet bniet ukoll il-kantina tal-każin. Għalkemm skont il-*Bill of Quantities* misjuba fis-sejħa għall-offerti kien hemm imniżżel li s-saqaf tal-kantina kellu jissaqqaf bil-planki, il-partijiet laħqu qbil li dan is-saqaf isir bil-konkos rinfurzat (ara l-affidavit tal-perit Alistair Avallone f'paġna 274 tal-atti tal-kawża);

15. F'Mejju tas-sena 2012, il-perit Alistair Avallone, li kien ġie mqabbad mill-Għaqda Mużikali biex jindokra x-xogħlijiet, beda jissuspetta li l-konkos li bih ġiet imsaqqfa l-kantina tal-binja l-ġdida tal-każin, kien wieħed ta' grad inferjuri. Għalhekk, huwa talab li jittieħdu xi kampjuni minn dan is-saqaf sabiex tiġi mistħarrġa s-saħħa tal-konkos. Skont ċertifikat datat 6 ta' Ġunju, 2012 li ġie maħruġ mil-laboratorju *Terracore*, fejn twettqu t-testijiet fuq il-kampjuni msemmija, is-suspetti tal-perit Avallone ġew ikkonfermati għaliex il-konkos li bih ġie mibni s-saqaf irriżulta li kien wieħed ta' kwalità inferjuri;

16. Minn Mejju tas-sena 2012 'il quddiem, C&F ma reġgħetx wettqet xogħlijiet fuq il-binja tal-każin tal-Għaqda Mużikali. Safrattant, C&F ħarġet xi kontijiet għax-xogħol li kienet għamlet, li mit-total tagħhom l-Għaqda Mużikali ħallset biss l-ammont ta' €80,000 (ara l-irċevuti f'paġni 76 u 77 tal-atti tal-kawża);

17. Bejn Ġunju tas-sena 2012 u April tas-sena 2013 saru diversi laqgħat u ntbagħtu korrispondenzi bejn il-partijiet biex: (i) min-naħa l-waħda C&F tneħħi s-saqaf tal-kantina li kien ġie magħmul b'konkos ta' kwalità inferjuri u tagħmel wieħed skont il-kwalità maqbula; u (ii) min-naħa l-oħra l-Għaqda Mużikali tħallas il-kontijiet li kienu pendenti; iżda xejn minn dan ma ġie mwettaq;

18. Fit-2 ta' April, 2013, l-Għaqda Mużikali bagħtet ittra uffiċjali lil C&F fejn din tal-aħħar ġiet imsejħa biex tressaq proposta dwar kif kienet sejra ssewwi n-nuqqasijiet li kien

hemm fil-kwalità tal-konkos li bih issaqfet il-kantina tal-binja l-ġdida tal-każin (ara paġna 217 tal-atti tal-kawża), iżda min-naħa ta' C&F ma kien hemm l-ebda ċaqliq. Għalhekk lejn l-aħħar tax-xahar ta' April 2013 l-Għaqda Mużikali qabbdet kuntrattur ġdid sabiex jaqla' s-saqaf tal-kantina tal-każin (ara l-affidavit ta' Alistair Avallone f'paġna 280 tal-atti tal-kawża);

19. B'ittra uffiċjali datata 11 ta' Frar, 2014, C&F sejħet lill-Għaqda Mużikali biex tħallasha l-ammont ta' €42,720 li jirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz tax-xogħlijiet li hija wettqet lill-Għaqda Mużikali, u li kien għadu ma ġiex imħallas (ara paġna 5 tal-atti tal-kawża). Madankollu, l-Għaqda Mużikali ma ħallset xejn minn dak mitlub;

20. Imbagħad, fit-28 ta' Awwissu, 2014, C&F fetħet din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

21. Din hija kawża fejn C&F qiegħda tfittex li titħallas is-somma ta' €42,720 li skontha hija għadha trid tirċievi mingħand l-Għaqda Mużikali għax-xogħlijiet li hija wettqet fil-binja tal-każin tal-banda tal-Għaqda Mużikali, u li tagħhom hija għadha ma tħallsitx;

22. Min-naħa l-oħra, l-Għaqda Mużikali tisħaq: (i) li x-xogħlijiet li wettqet C&F ma sarux skont is-sengħa u l-arti; (ii) li waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet C&F ikkawżat numru ta' ħsarat, kemm lill-Għaqda Mużikali u kif ukoll lil terzi; u (iii) li C&F ipprovditilha materjal ħażin, b'mod partikolari konkos ta' kwalità ferm inferjuri minn dak miftiehem. Iżżid tgħid li minħabba n-nuqqasijiet ta' C&F, ix-xogħol tal-bini tal-każin waqa' lura sew minn dak li kien oriġinarjament ippjanat u għalhekk hija ġarrbet telf ta' qligħ. Tisħaq li b'hekk, l-ammont li qiegħda titlob C&F mingħandha mhux talli mhuwiex dovut, talli hija C&F li għandha tħallasha għad-danni li hija batiet minħabba n-nuqqasijiet imsemmija;

23. C&F ma taqbel xejn ma' dak li qiegħda tallega l-Għaqda Mużikali u tisħaq li l-unika raġuni għaliex l-Għaqda Mużikali baqgħet ma ħallsitx hija li din kienet daħlet għal proġett li ma kellhiex biżżejjed finanzi biex twettaq u għalhekk kellha problemi ta'

likwidità. Hija tiċħad li għandha tħallas lill-Għaqda Mużikali xi danni, kemm għaliex hija ma kellha l-ebda terminu biex tlesti x-xogħlijiet u kif ukoll għaliex hija kienet wettqet ix-xogħlijiet fuq is-sit tal-Għaqda Mużikali bl-għaqal u bis-serjetà;

24. L-ewwel talba li sejra tiġi mistħarrġa hija dik fejn C&F qiegħda titlob li hija titħallas is-somma ta' €42,720 għax-xogħlijiet li hija wettqet lill-Għaqda Mużikali;

25. Il-qorti tqis li kull appaltatur għandu jwettaq ix-xogħlijiet mogħtija lilu bl-għaqal mistenni minn kull ġenitur tajjeb tal-familja, skont ma jipprovdi l-**artikolu 1132 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019). L-appaltatur għandu jiżgura li l-mod ta' kif jitwettaq l-appalt jissarraf f'dak, *«is-sens ta' professjonalità teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattjeni fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u l-arti»* (ara s-sentenza ***Tal-Franċiż Construction Ltd v. Anġlu Żarb***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-15 ta' Lulju, 2009);

26. Biex l-appaltatur jista' jingħad li għamel xogħol tajjeb, huwa jrid juri li huwa rieġa sew ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel u ta każ tal-fatturi li 'l quddiem jistgħu jikkompromettu x-xogħol li jkun ta, imqar jekk dan jiġri minħabba xogħol ħażin li jkun wettaq xi kuntrattur ieħor qabel ma jkun sar ix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel (ara s-sentenza ***George Spiteri v. Peter Paul Testaferrata Moroni Viani***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2009);

27. L-appaltatur li jwettaq ħażin ix-xogħol li jkun mqabbad jagħmel huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina (ara s-sentenza ***Silvio Vella pro et noe v. Alfred Theuma et***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2012). F'każ bħal dan huwa għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jitfaċċaw 'il quddiem (ara s-sentenza ***Mario Blackman v. Carmelo Farruġia et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-27 ta' Marzu, 1972);

28. Dan hu hekk anke jekk ix-xogħol ikun ġie approvat jew jekk l-appaltatur ikun mexa skont id-direzzjonijiet u l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minn min ikun qabbdu. Fil-fatt, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-appaltatur huwa dejjem obbligat li jagħti xogħol tajjeb lill-appaltant u ma jistax jallega li ma sarx xogħol siewi minħabba li dan ġie mwettaq kif riedu l-appaltant għaliex l-appaltatur huwa obbligat iwarrab kull tip ta' ndħil li jista' jkollu mill-appaltant (ara ***Pierre Darmanin v. Moira Aġius et***, Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2004, ***Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi v. Charles Azzopardi***, Appell Superjuri, 19 ta' Ġunju, 2006, ***Direttur Ġenerali Fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru v. Fithome Limited***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2011 u ***Louis Busuttil nomine v. Raymond Mallia nomine*** Appell Superjuri, 14 ta' Diċembru, 2018);

29. Huwa minnu li l-verifika u l-approvazzjoni tax-xogħol mill-appaltant ġeneralment isiru biex ikun jista' jsir il-ħlas iżda b'daqshekk l-appaltatur ma jinħelisx mir-responsabbità jekk wara li jkun ġie approvat ix-xogħol jinstab li dak ix-xogħol ma jkunx sar sew (ara ***Joseph Brownrigg nomine v. Mario Spiteri***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-27 ta' Ġunju, 2003 u ***Middlesea Insurance plc v. Spot On Gypsum Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021);

30. Dwar il-mod ta' kif isir il-ħlas lill-appaltatur, jingħad fil-ġurisprudenza li dan jiddependi mill-mod li bih ikun ġie lilu kummissjonat ix-xogħol. Jekk il-prezz ikun ġie ffissat għal kull unità, l-appaltatur ikollu dritt jitħallas tax-xogħol li jkun twettaq, filwaqt li jekk il-prezz ikun wieħed sħiħ għax-xogħol kollu u x-xogħol ma jkunx magħmul kollu jew ma jkunx ġie mwettaq sew, l-appaltatur ma jkollu dritt għall-ebda parti mill-ħlas (ara ***Carmelo sive Charles Mallia v. Ivan John Frank***, Appell Ċivili, 24 ta' Jannar, 1975 u ***Melita Manufacturing Company Limited v. C. &. F. Building Contractors Limited***, Appell Ċivili, 27 ta' Ottubru, 2021);

31. Dan tal-aħħar jiddependi min-natura tad-difett li jkollhom ix-xogħlijiet li jkunu saru. Jekk id-difett ikun wieħed gravi, l-appaltant ikollu d-dritt jopponi l-*exceptio non rite adempleti contractus* għat-talba li ssirlu għall-ħlas (ara ***Francis Spiteri nomine v. Emmanuele Cassar***, Appell Ċivili, 14 ta' Marzu 1975). Jekk min-naħa l-oħra d-difetti ma jkunux ta'

sustanza jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jiġu msewwija jew jaċċetta roħs fil-prezz (ara ***Angelo Busuttil v. Pio Fedele et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 ta' April, 1968, ***John Buttiġieġ nomine v. Anthony Sammut***, Appell Kummerċjali, 22 ta' Ġunju 1994,, ***Alfred Camilleri Cauchi v. George Muscat***, Appell Superjuri 26 ta' Settembru, 2009 u ***Hal Mann Limited v. Godfey Saliba***, Appell Superjuri tat-2 ta' Frar, 2010);

32. Fil-każ tagħna, l-Għaqda Mużikali qiegħda tilqa' għat-talba ta' C&F biex din titħallas €42,720 jew somma oħra fil-qrib mingħandha billi tisħaq: (i) li C&F naqset milli twettaq ix-xogħlijiet skont is-sengħa u l-arti u li din provditilha konkos ta' kwalità ferm inferjuri minn dak miftiehem; u (ii) hija m'għandha l-ebda obbligu li tħallas l-ammont mitlub;

33. Mill-provi jirriżulta li fis-6 ta' Ġunju, 2012, C&F ħarġet kont ta' madwar €150,000 (ara paġna 47 tal-atti tal-kawża);

34. Imbagħad, fil-15 ta' Ġunju, 2012, il-perit Alistair Avallone f'isem l-Għaqda Mużikali bagħat ittra elettronika lill-perit Edward Magro, li kien qiegħed jirrappreżenta lil C&F fuq il-proġett tal-binja tal-każin inkwistjoni, fejn huwa nfurmah għall-ewwel darba li minn testijiet li kienu saru fuq il-konkos li bih ġie magħmul is-saqaf tal-kantina tal-każin, kien irriżulta li l-konkos li ntuża kien difettuż u ta' kwalità inferjuri (ara minn paġna 49 sa 51 tal-atti tal-kawża). Peress li dan ix-xogħol ma kienx aċċettabbli għall-Għaqda Mużikali, C&F intalbet tagħmel l-istħarriġ tagħha dwar il-konkos u ladarba d-difett fil-konkos jiġi kkonfermat, biex tħejji skeda tax-xogħlijiet biex ix-xogħol difettuż jiġi msewwi;

35. F'ittra elettronika mibgħuta minn Johann Farruġia f'isem C&F lill-perit Alistair Avallone fit-2 ta' Ottubru, 2012, dan ikkonferma li s-saqaf tal-konkos tal-kantina kien sejjer jiġi mneħħi minn C&F bla ma jintalab ħlas addizzjonali għal din il-biċċa xogħol (ara paġna 342 tal-atti tal-kawża). Fl-istess korrispondenza, John Farruġia talab lill-perit Avallone

biex dan jiċċertifika x-xogħlijiet li kienu saru sabiex eventwalment ikun jista' jsir il-ħlas lil C&F;

36. Fis-16 ta' Novembru, 2012, il-perit Avallone bagħat lil perit Magro kont rivedut fejn fih approva numru ta' xogħlijiet li kienu saru sa dakinhar (ara minn paġna 52 sa paġna 59 tal-atti tal-kawża). Dan il-kont, li kien jammonta għal €102,668.03 mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud kien jeskludi minnu x-xogħlijiet relatati mas-saqaf tal-konkos inkwistjoni u x-xogħlijiet preliminari. Eventwalment, dan il-kont ġie kkonfermat ukoll mill-perit Edward Magro permezz ta' ittra elettronika datata 3 ta' Diċembru, 2012 (ara paġna 60 tal-atti tal-kawża);

37. Dan ifisser li fis-16 ta' Novembru, 2012 il-perit Avallone, għall-Għaqda Mużikali, kien approva xogħlijiet li, bit-taxxa fuq il-valur miżjud inkluża, jiswew €121,148.28. Din is-somma hija waħda qrib ferm il-kont ta' €122,720, li skont il-perit Edward Magro kien wieħed finali u li kien jeskludi wkoll l-allegat xogħol difettuż tas-saqaf tal-konkos (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 39 tal-atti tal-kawża u kif ukoll il-kont finali misjub f'paġna 79 tal-atti tal-kawża);

38. Jirriżulta wkoll li għax-xogħlijiet imwettqa, l-Għaqda Mużikali wettqet żewġ pagamenti: wieħed ta' €65,000 u ieħor ta' €15,000 (ara paġni 76 u 77 tal-atti tal-kawża), li flimkien jammontaw għall-ammont ta' €80,000 (ara wkoll ix-xiehda ta' Edwin Merċieca f'paġna 301 tal-atti tal-kawża);

39. Il-mistoqsija li allura tqum hija din: għandha l-Għaqda Mużikali tiġi ordnata tħallas id-differenza bejn l-ammont ta' €80,000 li hija ħallset lil C&F u l-ammont ta' €121,148.28 li ġie ċċertifikat mill-perit Avallone f'isimha?;

40. Id-difiża tal-Għaqda Mużikali ddur kollha kemm hi mal-allegazzjoni tagħha li C&F wettqet xogħol li mhuwiex skont is-sengħa u l-arti, fosthom il-provvista ta' konkos li kien ta' kwalità inferjuri. Madankollu, kif ġie spjegat aktar 'il fuq, il-kont ta' €121,148.28 li ġie approvat mill-perit Alistair Avallone kien jeskludi minnu x-xogħolijiet relatati mas-

saqaf tal-konkos. Hekk ukoll, l-ispiża marbuta mas-saqaf tal-konkos ġiet eskluża mill-kont finali maħruġ minn C&F. Ifisser b'hekk, li fis-somma li C&F qiegħda titlob li tiġi mħallsa permezz tal-kawża miftuħa minnha, il-prezz tas-saqaf tal-konkos ma jidhirx li ġie inkluż. Wara kollox, kien is-segretarju finanzjarju tal-Għaqda Mużikali stess li waqt il-kontro-eżami ikkonferma li t-talba ta' C&F biex hija titħallas €42,720 ma tinkludix fiha l-prezz tas-saqaf (ara x-xiehda ta' Edwin Merċieca f'paġna 300 tal-atti tal-kawża);

41. Jiġi b'hekk li l-Għaqda Mużikali ma tistax tinqeda bl-allegazzjoni tas-saqaf tal-konkos difettuż biex hija ma tħallasx is-somma mitluba minn C&F. Għaldaqstant, f'dan l-istadju tas-sentenza l-qorti ma tħossx li hija għandha tidħol fil-kwistjoni dwar jekk il-konkos li C&F bniet bih is-saqaf tal-każin kienx wieħed ta' grad inferjuri jew le. Jista' jkun li l-qorti ssib li dan huwa minnu meta aktar 'il quddiem f'din is-sentenza hija tkun qiegħda tistħarreġ il-kontro-talba tal-Għaqda Mużikali. Madankollu, mill-provi li tressqu quddiemha, din il-qorti ma jirriżultalhiex li C&F qiegħda titlob li titħallas ta' dan is-saqaf tal-konkos;

42. Din il-qorti lanqas jirriżultalha li fil-kont ta' €121,148.28 li ġie approvat mill-perit Avallone, kien hemm xi xogħol li ma ġiex imwettaq skont is-sengħa u l-arti. Il-perit Alistair Avallone, li ressaq affidavit u xehed darbtejn matul is-smigħ ta' din il-kawża, kellu diversi opportunitajiet biex imeri l-kont ta' €121,148.28 li kien ġie approvat minnu f'Novembru tas-sena 2012 iżda dan baqa' m'għamlux. Anzi, waqt il-kontro-eżami tiegħu huwa xehed li huwa ċċertifika dawk ix-xogħlijiet li fl-opinjoni tiegħu kienu tajbin (ara l-kontro-eżami ta' Alistair Avallone f'paġna 318 tal-atti tal-kawża);

43. Terġa' u tgħid, is-segretarju finanzjarju tal-Għaqda Mużikali, Edwin Merċieca, stqarr li kien hemm xogħol li sar sew minn C&F u li l-Għaqda Mużikali bbenefikat minn dan ix-xogħol (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 301 tal-atti tal-kawża);

44. B'daqshekk il-qorti mhijiex tgħid li x-xogħol kollu li wettqet C&F kien kollu tajjeb u li l-Għaqda Mużikali ma ġarrbitx danni minħabba l-manjiera li biha wettqet ix-xogħlijiet C&F. Dik hija kwistjoni li sejra tiġi mistħarrġa aktar 'il quddiem f'din is-sentenza meta l-

qorti tkun qiegħda tqis il-kontro-talba tal-Għaqda Mużikali. Dak li qiegħed jingħad f'dan l-istadju huwa biss li mill-provi mressqa m'hemm xejn li jagħti x'tifhem lill-qorti li x-xogħlijiet li huma koperti fil-kont ta' €121,148.28, li ġie approvat mill-perit Avallone, ma ġewx imwettqa kif jitolbu s-sengħa u l-arti;

45. Madankollu, il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk C&F għandhiex dritt għall-ħlas minħabba li hija baqgħet ma lestietx il-proġett tal-binja tal-każin tal-Għaqda Mużikali iżda waqfet mas-sular tal-kantina. Kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, dan kollu jiddependi minn jekk il-prezz ikunx ġie ffissat għal kull unità jew jekk ikunx ingħata prezz wieħed sħiħ għax-xogħol kollu. Fil-każ tal-aħħar, l-appaltatur ma jkollu dritt għall-ebda parti mill-ħlas jekk ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu;

46. Għalkemm C&F ġiet magħżula biex twettaq ix-xogħlijiet wara sejħa għall-offerti, mill-atti jirriżulta li C&F baqgħet ma ffirmatx il-kuntratt li kien hemm mehmuż ma' din is-sejħa. Id-direttur ta' C&F, Frank Schembri, baqa' ma spjegax għaliex il-kuntratt ma kienx ġie ffirmat, iżda Victor Seguna, li jiġi l-President tal-Għaqda Mużikali, tenna li C&F kienet heddithom li jekk ma kinitx serja tibda x-xogħlijiet immedjatament, hija kienet sejra tieħu sitt xhur oħra biex tibda x-xogħlijiet (ara l-affidavit ta' Victor Seguna f'paġna 84 tal-atti tal-kawża). Skontu, minħabba f'hekk il-kuntratt baqa' ma ġiex iffirmat minn C&F;

47. Jekk dan huwa minnu, din il-qorti ma tistax ma tikkummentax dwar l-imġiba xejn ammirabbli ta' C&F. Tabilħaqq, mhuwiex sew li kuntrattur juża l-qagħda ta' saħħa tiegħu sabiex idawwar is-sitwazzjoni kif jaqbel lilu u jirrifjuta li jiffirma ftehim, wara li jkun tefa' l-offerta tiegħu biex iwettaq biċċa xogħol skont l-istess kundizzjonijiet ta' dak il-ftehim. Din l-imġiba prepotenti, biex ma ngħidux ukoll ta' '*bully'* ta' C&F, li ma tiffirmax il-kuntratt jekk il-kundizzjonijiet tax-xogħol ma jsirux kif trid hi, fiż-żgur mhijiex waħda li tagħti x'tifhem lil dak li jkun li hija daħlet għax-xogħlijiet inkwistjoni b'rieda tajba;

48. Lil hinn minn dan, C&F ma tistax tgħid li hija mhijiex marbuta bil-kundizzjonijiet tal-ftehim li hemm mehmuż mas-sejħa għall-offerti (ara l-ftehim minn paġna 103 sa 125 tal-atti tal-kawża) għaliex l-ewwel paragrafu tas-sejħa għall-offerti kien jgħid ċar u tond

li *«In submitting a tender, the Tenderer accepts in full and without restriction the special and general conditions governing this contract as the sole basis of the Tendering procedure, whatever his own corresponding conditions may be, which he hereby waives»* (ara paġna 93 tal-atti tal-kawża);

49. Għalhekk, kienet x'kienet ir-raġuni għaliex C&F ma resqitx biex tiffirma l-kuntratt, ladarba hija tefgħet offerta biex twettaq ix-xogħlijiet għall-Għaqda Mużikali, hija kienet marbuta bil-kundizzjonijiet li hemm imniżżla fil-kuntratt li hemm mehmuż mas-sejħa għall-offerti;

50. Issa skont il-klawsola 41 ta' dan il-kuntratt, il-ħlasijiet kellhom issiru akkont tal-prezz ma' kull fażi tax-xogħlijiet, wara li dawn jiġu ċertifikati mill-perit Alistair Avallone. Ifisser b'hekk li fil-każ ta' dan il-proġett l-Għaqda Mużikali ma kellhiex twettaq ħlas wieħed sħiħ ladarba jitlesta l-proġett iżda kellha twettaq pagament kull darba li titlesta fażi tal-proġett, li waħda minnhom kienet il-bini tal-katina tal-każin;

51. Ladarba dan huwa l-każ, C&F għandha dritt titħallas għax-xogħlijiet li hija laħqet wettqet, u li ġew approvati mill-perit Avallone, u b'hekk hija jistħoqqilha tirċievi mingħand l-Għaqda Mużikali s-somma ta' <u>€41,148.28</u>, jiġifieri d-differenza bejn l-ammont ta' €80,000 li ġie mħallas mill-Għaqda Mużikali u l-ammont ta' €121,148.28 li ġie approvat mill-perit Avallone, u mhux dik ta' €42,720 li qiegħda titlob C&F fir-rikors maħluf tagħha. Għalhekk, huwa dan l-ammont li din il-qorti sejra tordna li jiġi mħallas lil C&F. Wara kollox, kienet C&F stess li fit-talbiet tagħha semmiet is-somma ta' €42,720 jew somma oħra fil-qrib;

52. Għalkemm jista' jkun li aktar 'il quddiem f'din is-sentenza l-qorti ssib li C&F għandha tħallas xi flus lill-Għaqda Mużikali jekk hija ssib li C&F ħolqitilha xi danni, l-Għaqda Mużikali ma ressqitx eċċezzjoni biex ikun hemm tpaċija ta' dawn il-flejjes jekk dan iseħħ iżda minflok ippreżentat kontro-talba fejn qiegħda tfittex lil C&F għad-danni. Minħabba f'hekk, ikun x'ikun l-eżitu ta' din is-sentenza dwar il-kontro-talba tal-Għaqda

Mużikali din il-qorti sejra tordna li l-Għaqda Mużikali għandha tħallas lil C&F l-ammont sħiħ ta' €41,148.28;

53. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, <u>f'dak li għandu x'jaqsam biss mat-talba ta' C&F biex hija titħallas mingħand l-Għaqda Mużikali €42,720 jew somma oħra fil-qrib, u bla ebda ħsara għat-talbiet magħmula mill-Għaqda Mużikali fil-kontro-talba tagħha</u>, din il-qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Għaqda Mużikali u tilqa' t-talba ta' C&F billi tikkundanna lill-Għaqda Mużikali tħallas lil C&F is-somma ta' €41,148.28 għax-xogħlijiet u materjal li hija wettqitilha u għadditilha;

54. Dwar l-imgħax mitlub minn C&F, il-qorti tqis li l-kreditu mitlub minnha ġej minn operazzjoni kummerċjali li seħħet bejn is-snin 2011 u 2012. Dan hu hekk għaliex huma meqjusa bħala atti tal-kummerċ: kull intrapriża ta' bini (ara l-**artikolu 5(g) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**) u kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali (ara l-**artikolu 5(e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**). Sewwasew f'dan il-każ l-appalt kien wieħed ta' bini u l-appalt sar ma' kumpannija kummerċjali. L-obbligazzjoni involuta għalhekk għandha titqies bħala waħda ta' sura kummerċjali;

55. Għalhekk, il-qorti bit-tħaddim tal-**artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** ħa timxi fuq ir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena. Dwar minn meta għandu jitlaq l-imgħax, tidħol ir-regola msemmija fl-**artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid, li f'sitwazzjonijiet bħal dawn l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu *ipso jure* minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq;

56. Fil-każ tagħna, il-kont ta' €121,148.28 (li minnhom tħallas biss €80,000 kif fuq imsemmi) ġie maqbul bejn il-periti tal-partijiet fit-3 ta' Diċembru, 2012, u b'hekk il-ħlas tal-bilanċ ta' €41,148.28 li baqa' ma tħallasx kien ilu dovut mill-Għaqda Mużikali sa minn dakinhar. Għalhekk din il-ġurnata sejra titqies bħala l-jum li minnu għandhom jibdew jiġru l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' €41,148.28 għall-għanijiet tal-**artikolu 1141(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

57. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-kontro-talba mressqa mill-Għaqda Mużikali fejn hija tisħaq li ġarrbet danni minħabba li C&F ma wettqitx ix-xogħol tat-twaqqigħ u bini tal-każin tagħha skont ma jitolbu s-sengħa u l-arti. Hija tgħid li C&F saqqfet il-kantina tal-każin b'konkos ta' grad inferjuri u li għalkemm hija kienet aċċettat li taqla' dan is-saqaf bi spejjeż tagħha, dan baqgħet m'għamlitux. Minħabba f'hekk, il-proġett tal-bini tal-każin waqa' lura u l-Għaqda Mużikali kellha tidħol fi spejjeż żejda biex tqabbad terzi sabiex is-saqaf tal-kantina isir mill-ġdid. Iżżid tgħid li C&F ikkawżat numru ta' ħsarat waqt li hija kienet għaddejja bix-xogħlijiet, kemm lill-Għaqda Mużikali u kif ukoll lil terzi, liema ħsarat kellhom jissewwew mill-Għaqda Mużikali bi spejjeż tagħha;

58. Min-naħa l-oħra C&F tiċħad li hija kkawżat xi danni lill-Għaqda Mużikali. Hija tisħaq li hija ma kinitx marbuta b'terminu ta' żmien biex tlesti x-xogħol u li f'kull każ hija wettqet ix-xogħlijiet inkwistjoni bir-reqqa u bl-għaqal;

59. Kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' ġenitur tajjeb tal-familja (ara l-**artikolu 1132(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Anke fejn id-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx mexa b'rieda ħażina, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni (ara l-**artikolu 1133 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Hekk ukoll, kif diġà ntqal aktar 'il fuq, id-debitur tal-obbligazzjoni irid iwieġeb għall-ħsarat li jirriżultaw mit-twettiq ħażin tal-obbligazzjoni tiegħu;

60. Id-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur tal-obbligazzjoni u l-qligħ imtellef (ara l-**artikolu 1135 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**), sakemm jiġi muri li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni (ara l-**artikolu 1137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għemil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur tal-obbligazzjoni li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li d-debitur basar jew wieħed sata' jobsor

li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni (ara l-**artikolu 1136 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**);

61. Biex appaltatur ikun jista' jinħeles milli jħallas id-danni, huwa jrid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri (ara l-**artikolu 1134 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**);

62. Fuq kollox il-ħtija li jrid iwieġeb għaliha l-appaltatur tiddependi minn kemm in-nuqqasijiet tiegħu jkunu għadhom jistgħu jissewwew u huwa biss meta t-tiswija tagħhom ma tkunx għadha tista' ssir li l-appaltant jingħatalu d-dritt li jfittex għad-danni (ara ***Francis Stivala noe v. Hector Borġ pro et noe***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' Frar, 2003 u ***Guillaumier Industries Limited v. Taormina Holdings Limited***, Appell Superjuri, 26 ta' Mejju, 2017). Dawn id-danni għandhom dejjem jissarrfu f'ammont li jikkorrispondi għall-ispiża meħtieġa għat-tneħħija tad-difetti fejn dawn jirriżultaw (ara ***Sea Bank Catering Company Limited v. Għassan Aboulezz***, Appell Inferjuri, 22 ta' Marzu, 2006);

63. Qabel ma din il-qorti tgħaddi biex tikkunsidra wieħed wieħed il-kapijiet li dwarhom l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob id-danni mingħand C&F, hija ma tistax ma ċċanfarx lil C&F għall-manjiera traskurata li biha hija mexxiet bix-xogħlijiet. Barra minn hekk, l-imġiba ta' kuntrattur li jippretendi li jagħmel li jrid mingħajr ma jagħti widen għall-obbligi li jkun intrabat bihom u għal dak li jinġieb għall-attenzjoni tiegħu matul it-twettiq tax-xogħlijiet mhijiex waħda li jistħoqqilha tifħir u tirrifletti nuqqas ta' serjetà min-naħa tiegħu;

64. Mill-provi jirriżulta li t-twaqqigħ tal-binja l-antika tal-każin sar bil-gaffa minflok ma sar bil-galbu u bl-idejn, kif kien miftiehem (ara r-ritratt f'paġna 263 tal-atti tal-kawża). Jirriżulta wkoll li l-ħaddiema mqabbda minn C&F ma kinux qegħdin jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-lant tax-xogħol, tant li C&F baqgħet ma għaddietx il-pjan tas-saħħa u s-sigurtà lill-Għaqda Mużikali, u kif ukoll il-

valutazzjoni tar-riskju li ħejjiet bil-prekawzjonijiet li kienet sejra tieħu waqt ix-xogħlijiet. Minbarra dan, sa ħames xhur wara li bdew ix-xogħlijiet, jidher li C&F kienet għadha mhijiex koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar il-proġett tal-binja tal-każin skont ma kienet titlob il-klawsola 18 tal-ftehim li kien hemm mehmuż mas-sejħa għall-offerti. Jidher ukoll li l-ħaddiema ta' C&F ma kinux ingħataw l-għodda meħtieġa biex iwettqu x-xogħlijiet, tant li t-taħlit tal-konkos kien qiegħed isir bl-idejn fuq il-post minflok ma nġab lest biex jitqiegħed (ara l-affidavit tal-Perit Alistair Avallone f'paġna 263 u minn paġna 270 sa 274 tal-atti tal-kawża);

65. Dan kollu juri li C&F kienet qiegħda twettaq xogħlijiet ta' suq u mexxi bla ebda ħarsien għal-liġijiet u r-regolamenti u għall-obbligi li hija ntrabtet bihom mal-Għaqda Mużikali. Madankollu, dak li trid tara l-qorti huwa jekk dan in-nuqqas ta' ħarsien wassalx għat-tiġrib tad-danni min-naħa tal-Għaqda Mużikali;

66. Il-qorti sejra tibda biex tqis l-ilment li qiegħda tagħmel l-Għaqda Mużikali marbut mal-kwalità tal-konkos li bih ġiet imsaqqfa l-kantina tal-każin. Oriġinarjament dan is-saqaf kien sejjer isir bil-planki iżda meta kien qiegħed joqrob iż-żmien biex jissaqqaf C&F bdiet tisħaq li dan ma kienx possibbli u għalhekk intlaħaq ftehim li s-saqaf isir tal-konkos rinfurzat. Fil-fatt sa Mejju 2012, is-saqaf tal-konkos kien tlesta minn C&F;

67. Madankollu, f'Mejju tas-sena 2012, il-perit Alistair Avallone beda jissuspetta li l-konkos li bih ġiet imsaqqfa l-kantina tal-binja l-ġdida tal-każin, kien wieħed ta' grad inferjuri. Għalhekk, ġie deċiż li jitqabbad il-laboratorju *Terracore* sabiex jieħu l-kampjuni mill-imsemmi konkos u jwettaq fuqhom it-testijiet meħtieġa. Skont ċertifikat datat 6 ta' Ġunju, 2012, li ġie maħruġ minn dan il-laboratorju, is-suspetti tal-perit Avallone ġew ikkonfermati għaliex il-konkos li bih ġie mibni s-saqaf irriżulta li kien wieħed ta' kwalità ferm inferjuri minn dik miftiehma (ara l-affidavit ta' Alistair Avallone f'paġna 275 tal-atti tal-kawża u ċ-ċertifikat maħruġ minn *Terracore* f'paġna 281 tal-atti tal-kawża);

68. Il-perit ta' C&F, Edward Borġ, ġie nfurmat b'dawn it-testijet b'ittra elettronika tal-15 ta' Ġunju, 2012 (ara minn paġna 49 sa 51 tal-atti tal-kawża) iżda C&F ma aċċettatx ir-

riżultat ta' dawn it-testijiet u talbet li tagħmel xi testijiet hi. Għalkemm skont il-perit Alistair Avallone, C&F kienet wettqet it-testijiet tagħha fuq il-kampjuni tal-konkos, hija baqgħet ma wrietx lill-Għaqda Mużikali riżultanzi ta' dawn it-testijiet;

69. Minkejja dan, f'ittra elettronika mibgħuta lill-perit Avallone minn Johann Farrugia f'isem C&F fit-2 ta' Ottubru, 2012, dan ikkonferma li C&F kienet sejra taqla' s-saqaf tal-konkos bi spejjeż tagħna (ara paġna 342 tal-atti tal-kawża). Dan jagħti x'jifhem li C&F kienet qiegħed tammetti li l-konkos użat għas-saqaf tal-katina ma kienx ta' materjal u ta' kwalità tajba u b'hekk dan kellu jiġi mibdul. F'kull każ din il-qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex hija m'għandhiex toqgħod fuq iċ-ċertifikat imħejji minn *Terracore* u l-affidavit tal-perit Alistair Avallone li l-konkos kien wieħed ta' grad inferjuri;

70. Madankollu, C&F baqgħet ma marritx taqla' dan is-saqaf, anke wara li ntbagħtitilha ittra uffiċjali fit-2 ta' April, 2013 biex hija ssewwi n-nuqqasijiet li kien hemm fis-saqaf tal-konkos, u eventwalment dan spiċċa kellu jinqala' minn kuntrattur ieħor imqabbad mill-Għaqda Mużikali f'April tas-sena 2013 (ara l-affidavit ta' Alistair Avallone f'paġna 278 tal-atti tal-kawża);

71. Id-direttur ta' C&F, Frank Schembri, jgħid fl-affidavit tiegħu li huwa ma kellu l-ebda problema li jaqla' s-saqaf tal-konkos, iżda huwa kien informa lill-Għaqda Mużikali li huwa kien lest li jagħmel dan biss wara li l-Għaqda Mużikali tħallas il-kontijiet li kien hemm pendenti. Madankollu, fil-fehma tal-qorti, din ma kinitx raġuni tajba biex C&F ma tmurx taqla' s-saqaf tal-konkos għaliex kif ingħad aktar kmieni f'din is-sentenza C&F kienet mistennija li twettaq ix-xogħlijiet bl-għaqal ta' ġenitur tajjeb tal-familja, u ladarba hija kienet naqset minn dan l-obbligu tagħha, hija kellha d-dmir li ssewwi x-xogħlijiet li kienet wettqet ħażin;

72. Meqjus dan kollu, dan ifisser li minħabba l-aġir ta' C&F ix-xogħlijiet kellhom jieqfu għall-perijodu kollu sakemm is-saqaf tal-konkos ġie maqlugħ, jiġifieri għall-ħdax-il xahar sħiħ, minn Ġunju tas-sena 2012 sa April tas-sena 2013, hekk kif ġie mfiehem mis-segretarju finanzjarju tal-Għaqda Mużikali, Edwin Merċieca (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 301 tal-

atti tal-kawża). Min-naħa tagħha C&F targumenta li hija ma tistax tinsab responsabbli għad-danni minħabba dan id-dewmien ta' ħdax-il xahar għaliex ma kien ġie maqbul l-ebda terminu bejnha u bejn l-Għaqda Mużikali għat-tlestija tax-xogħljiet;

73. Madankollu, dak li tisħaq C&F mhuwiex minnu għaliex skont il-ftehim li kien hemm mehmuż ms-sejħa għall-offerti, u li C&F intrabtet bih meta tefgħet is-sejħa tagħha, il-proġett kollu tat-twaqqigħ u l-bini tal-każin kellu jitlesta sal-31 ta' Marzu, 2012 (ara paġna 104 tal-atti tal-kawża). Meta l-partijiet saru jafu bil-problema li kien hemm fil-konkos, din id-data kienet diġà għaddiet u ladarba C&F ma żammitx ma' din id-data biex tlesti x-xogħlijiet hija sejra jkollha twieġeb għad-danni li jirriżultaw minn dan id-dewmien. Għalhekk, fid-dawl ta' dan, safejn fir-raba' eċċezzjoni tagħha, C&F qiegħda tisħaq li ma huma dovuti ebda danni minħabba id-dewmien għaliex skontha ma kien ġie maqbul l-ebda terminu għat-tlestija tax-xogħlijiet, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda;

74. Issa bħala danni li saru b'konsegwenza diretta tas-saqaf tal-konkos li ma sarx tajjeb, l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob li titħallas:

i. tal-kont li kellha tħallas biex saru t-testijiet li twettqu fuq il-konkos difettuż;
ii. tal-ispejjeż relatati max-xogħol ta' pajpijiet tal-ilma u tal-elettriku li kienu saru fis-saqaf tal-konkos li ġie maqlugħ;
iii. tal-ispejjeż relatati mal-qlugħ tas-saqaf tal-konkos difettuż;
iv. tat-telf ta' qligħ matul il-ħdax-il xahar li fihom fil-każin ma setgħetx issir fih it-tombla;
v. tat-telf ta' qligħ minn attivitajiet li ma setgħux isiru mill-każin matul dawk il-ħdax-il xahar;
vi. tat-telf ta' qligħ mill-kiri tal-bar għall-perijodu ta' ħdax-il xahar;
vii. tan-nefqa tal-kiri tas-sala mingħand Tarxien Rainbows għall-perijodu ta' ħdax-il xahar;
viii. tan-nefqa f'kiri ta' garaxx biex dan jintuża bħala banka tal-lottu;

ix. tan-nefqa ta' kiri ta' sala biex ikunu jistgħu isiru l-lezzjonijiet tal-banda, kunċerti u laqgħat tal-kumitat;

75. Għalhekk il-qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ jekk dawn id-danni ġewx pruvati;

76. Għat-testijiet li saru fuq il-konkos difettuż, l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob il-ħlas ta' €190 bħala l-kont li hija ħallset biex dawn twettqu. Darba li rriżulta li l-konkos inkwistjoni kien difettuż, m'hemmx dubju li C&F għandha tiġi ordnata tħallas dan il-kont. Madankollu, skont il-fattura maħruġa minn *Terracore*, u li hija mmarkata bit-timbru *'PAID'*, il-kont inkwistjoni kien dak ta' €177 u mhux €190 (ara paġna 243 tal-atti tal-kawża). Għalhekk, fir-rigward ta' dawn it-testijiet, huwa l-ammont ta' <u>€177</u> li qiegħed jiġi likwidat minn din il-qorti;

77. Għall-ispejjeż relatati max-xogħol ta' pajpijiet tal-ilma u tal-elettriku li kienu saru fis-saqaf tal-konkos li eventwalment ġie maqlugħ, l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob li titħallas €1,800. Biex issostni din l-ispiża l-Għaqda Mużikali ppreżentat stima (*quote*) mingħand Fix-It Classic Installations Limited li tammonta għal €1,890 (ara paġna 244 tal-atti tal-kawża). Fil-fehma tal-qorti, meta wieħed iqis li l-Għaqda Mużikali setgħet ippreżentat l-irċevuti tal-ispejjeż li hija għamlet biex xtrat il-pajpijiet tal-ilma u tal-elettriku li ġew mgħoddija fis-saqaf li eventwalment ġie maqlugħ jew għallinqas prova oħra tal-ħlas tagħhom, il-produzzjoni ta' stima mhijiex biżżejjed biex isservi bħala prova ta' din in-nefqa. Kemm hu hekk, fis-sentenza fl-ismijiet ***Avv. Dr Louis Galea v. Philip Aġius***, li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru, 1950 ġie mtenni li:

> *«a receipt, in law, is an acknowledgement in writing that a sum of money or other valuable consideration has been received by the person signing the acknowledgement, in discharge of a debt or to her obligation" (Encyclopedia Britannica, Vol. 19, kelma "receipt"). Issa fuq l-ebda waħda mid-dokumenti fuq imsemmija ma jidher li d-ditta konvenuta per mezz tad-direttur tagħha għamlet xi "acknowledgement" ta' ħlas; imma jidher biss "order to deliver". Huwa veru li "no particular form of words is necessary to constitute a receipt. The word "settled", or "paid", or any other word purporting to give a discharge, together with*

*the signature on a document specifying the amount due, without any other words indicating payment, is sufficient" (**Stroud**, Judicial Dictionary, page. 167). Imma lanqas dawn il-kliem, jew xi waħda minnhom, ma tidher fuq dik il-karta hawn fuq imsemmija.»*

78. L-Għaqda Mużikali lanqas biss ma ħarrket lil xi rappreżentant ta' Fix-It Classic Installations Limited biex jikkonferma li din il-kumpannija tħallset din is-somma biex seta' nxtara dan il-materjal. Stima la hija neċessarjament determinanti u lanqas finali. Għal dak li jiswa l-Għaqda Mużikali setgħet qatt ma xtrat dan il-materjal għaliex forsi rnexxilha tiddubbah b'xejn minn xi ħadd. F'kull każ stima mhijiex prova ta' ħlas li attwalment sar. Għaldaqstant, ladarba l-Għaqda Mużikali ma pproduċietx prova tan-nefqa skont it-tagħlim mogħti f'din is-sentenza, dawn l-ispejjeż mhumiex sejrin jiġu kkunsidrati;

79. Fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-qlugħ tas-saqaf tal-konkos difettuż, l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob €3,700. Għal dan il-għan, hija ppreżentat kitba ffirmata minn Christopher Muscat u datata 7 ta' Mejju, 2013, fejn dan iddikjara li huwa rċieva s-somma ta' €3,700 mingħand Victor Seguna, li jiġi l-President tal-Għaqda Mużikali, għall-qlugħ, tagħbija u rimi tas-saqaf tal-konkos (ara paġna 246 tal-atti tal-kawża). Din il-qorti m'għandha l-ebda dubju li dawn ix-xogħlijiet kellhom isiru minħabba li C&F kienet ħadmet saqaf tal-konkos difettuż. Għalhekk, din l-ispiża ta' <u>€3,700</u> sejra tiġi likwidata minn din il-qorti;

80. Imiss issa li jiġi mistħarreġ id-dħul li l-Għaqda Mużikali allegatament tilfet minħabba li fil-perijodu ta' ħdax-il xahar bejn Ġunju 2012 u April 2013 hija ma setgħetx: (i) tuża l-każin biex fih isir it-tombla; (ii) tuża l-każin biex fih isiru attivitajiet oħra; u (iii) tagħti l-bar tal-każin b'kera;

81. Meta jintalab il-ħlas tad-danni minħabba li fond ma jkunx jista' jintuża għax ikunu damu biex isiru x-xogħlijiet, xogħol il-qorti huwa li tillikwida d-dannu fuq (i) it-tul ta' żmien li jkun damu x-xogħlijiet, u (ii) il-parti tal-binja li tagħha jkun intilef l-użu (ara ***Bonsons Limited v. Perti Arkitett Catherine Galea***, Appell Superjuri, 26 ta' Mejju, 2017);

82. F’dan il-każ, il-proġett tal-binja tal-każin kien għadu wasal biss sas-sular tal-kantina. Għalhekk, l-ebda parti mill-binja ma kienet f’kundizzjoni li tintuża sa April 2013. Dwar it-tul ta’ żmien li damu x-xogħlijiet, din il-qorti diġà sabet li dawn spiċċaw biex ittawlu inutilment għal ħdax-il xahar. B’hekk il-qorti tista’ tgħaddi biex tqis il-provi li tressqu biex l-Għaqda Mużikali ssostni t-telf ta’ qligħ li hija qiegħda tallega matul dawk il-ħdax-il xahar;

83. Dwar il-dħul li tilfet l-Għaqda Mużikali minħabba li ma setgħetx torganizza t-tombla fil-każin, il-qorti tqis li mir-rendikonti finanzjarji tal-Għaqda Mużikali, li skont l-awditriċi Bernice Avallone Balzan jagħtu stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Għaqda Mużikali, jirriżulta li:

i. bejn Ottubru 2010 u Settembru 2011 id-dħul tal-Għaqda Mużikali mit-tombla kien dak ta’ €10,826.23 (ara paġna 429 tal-atti tal-kawża);
ii. bejn Ottubru 2011 u Settembru 2012 ma ġiex reġistrat dħul mit-tombla għaliex ma hemm xejn imniżżel fir-rendikont finanzjarju (ara paġna 425 tal-atti tal-kawża);
iii. bejn Ottubru 2012 u Settembru 2013 id-dħul tal-Għaqda Mużikali mit-tombla kien dak ta’ €6,396.47. Dan l-ammont jirrappreżenta d-dħul li sar mit-tombla bejn Lulju 2013 u Settembru 2013 (ara paġna 419 tal-atti tal-kawża);
iv. bejn Ottubru 2013 u Settembru 2014 id-dħul tal-Għaqda Mużikali mit-tombla kien dak ta’ €10,146.50 (ara paġna 412 tal-atti tal-kawża);
v. bejn Ottubru 2014 u Settembru 2015 id-dħul tal-Għaqda Mużikali mit-tombla kien dak ta’ €10,347.31 (ara paġna 404 tal-atti tal-kawża);

84. Meta wieħed iqis l-ewwel, ir-raba’ u l-ħames rendikonti hawn fuq imsemmija, jirriżulta li l-medja ta’ dħul mit-tombla kull xahar matul is-snin rispettivi hija dik ta’ €870. Jekk tittieħed il-medja ta’ €870 fuq ħdax-il xahar, l-ammont li jirriżulta huwa dak ta’ €9,570. Għalhekk, il-qorti tqis li l-ammont ta’ €9,485, li l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob bħala danni minħabba t-telf tad-dħul mit-tombla, huwa wieħed verosimili, u għalhekk dan

qiegħed jiġi likwidat bħala parti mid-danni li huma dovuti lill-Għaqda Mużikali mingħand C&F;

85. Dwar it-telf ta’ qliegħ ta’ €5,544 li l-Għaqda Mużikali allegatament ġarrbet minħabba li hija ma setgħetx torganizza attivitajiet fil-każin f’dawk il-ħdax-il xahar, jingħad li għalkemm l-Għaqda Mużikali ppreżentat tabella li tindika li l-Għaqda taż-Żgħażagħ għamlet qligħ ta’ €6,058.90 mill-attivitajiet bejn Ottubru 2014 u Mejju 2015 (ara paġna 226 tal-atti tal-kawża), mir-rendikont finanzjarju tal-Għaqda Mużikali għax-xhur ta’ bejn Ottubru 2014 u Settembru 2015, li huwa kkonfermat mill-awditriċi tal-Għaqda Mużikali stess, jirriżulta li l-qligħ mill-Għaqda taż-Żgħażagħ fl-istess perijodu kien biss dak ta’ €304.06 (ara paġna 406 tal-atti tal-kawża). Din il-kontradizzjoni mhijiex waħda żgħira. Fuq kollox, it-tabella hawn fuq imsemmija ma tagħmilx parti mir-rendikont finanzjarju tal-Għaqda Mużikali għax-xhur ta’ bejn Ottubru 2014 u Settembru 2015 u għalhekk il-qorti ma tħossx li din għandha tingħata valur probatorju;

86. Għalkemm, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha, l-Għaqda Mużikali tipprova tagħti spjegazzjoni ta’ kif l-Għaqda taż-Żgħażagħ għamlet qligħ li huwa akbar minn dak li jindika r-rendikont finanzjarju tal-Għaqda Mużikali għax-xhur ta’ bejn Ottubru 2014 u Settembru 2015, din il-qorti hija tal-fehma li tali spjegazzjoni ma kellhiex tingħata fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-Għaqda Mużikali iżda kellha ssir bil-ġurament waqt is-smigħ tal-provi mis-segretarju finanzjarju tal-Għaqda Mużikali. Għalhekk fid-dawl tal-kontradizzjoni msemmija u kif ukoll minħabba nuqqas ta’ provi din il-qorti ma jidhrilhiex li hija għandha tillikwida xi danni dwar l-allegat telf li ġarrbet l-Għaqda Mużikali minħabba li hija ma setgħetx torganizza attivitajiet fil-każin;

87. L-Għaqda Mużikali tgħid ukoll li hija ġarrbet telf ta’ qligħ għaliex f’dawk il-ħdax-il xahar ta’ bejn Ġunju 2012 u April 2013 hija ma setgħetx tikri l-bar tal-każin. Dwar dan jingħad li kif tajjeb intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Design Elements Limited* v. *Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited***, maqtugħa fit-8 ta’ Ġunju 2006, «*It-telf indennizzabbli jikkonsisti fl-ispejjeż, ix-xogħol eżegwit u t-telf tal-qligħ li l-prestatur kien jottjeni kieku l-kuntratt baqa’ “in korso”».* Illi mir-rendikonti finanzjarji li

ġew ippreżentati mill-każin, li huma lkoll ikkonfermati mill-awditriċi Bernice Avallone Balzan, jirriżulta li:

i. bejn Ottubru 2010 u Settembru 2011 id-dħul tal-Għaqda Mużikali mill-kiri tal-bar kien dak ta' €2,600 (ara paġna 429 tal-atti tal-kawża);
ii. bejn Ottubru 2011 u Settembru 2012 id-dħul tal-Għaqda Mużikali mill-kiri tal-bar li nfetaħ fil-festa kien dak ta' €1,100 (ara paġna 425 tal-atti tal-kawża);
iii. bejn Ottubru 2012 u Settembru 2013 id-dħul tal-Għaqda Mużikali mill-kiri tal-bar li nfetħaħ fil-festa kien dak ta' €2,800 (ara paġna 419 tal-atti tal-kawża);
iv. bejn Ottubru 2013 u Settembru 2014 id-dħul tal-Għaqda Mużikali mill-kiri tal-bar temporanju u dak armat fil-festa kien dak ta' €5,500 (ara paġna 412 tal-atti tal-kawża);
v. bejn Ottubru 2014 u Settembru 2015 id-dħul tal-Għaqda Mużikali mill-kiri tal-bar miftuħ fil-festa kien dak ta' €6,177. Kien hemm dħul ieħor ta' €3,000 mill-kirja tal-bar li bdiet fis-16 ta' Lulju, 2015 (ara paġna 404 tal-atti tal-kawża);

88. Edwin Merċieca ppreżenta wkoll kuntratt datat 16 ta' Lulju, 2015 li permezz tiegħu l-bar tal-każin tal-Għaqda Mużikali ngħata b'kera għal sentejn għall-ħlas ta' €10,100 fis-sena (ara l-kuntratt minn paġna 228 sa paġna 232 tal-atti tal-kawża);

89. Il-qorti tqis li mir-rendikonti finazjarji tal-Għaqda Mużikali wieħed jista' jasal biex jifhem li qabel bdew ix-xogħlijiet minn C&F fis-sajf tas-sena 2011, il-bar kien qiegħed jinkera għall-ammont ta' €2,600. Bejn Ottubru 2011 u Ġunju 2015 inkera biss bar temporanju matul iż-żmien tal-festa, biex imbagħad minn Lulju 2015 il-bar reġa' beda jinkera għall-ammont ta' €10,100 fis-sena. Issa l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob it-telf mill-kiri tal-bar għal matul ix-xhur li l-proġett dam wieqaf, jiġifieri bejn Ġunju 2012 u April 2013;

90. Id-differenza fid-dħul mill-kiri tal-bar bejn is-snin 2011 u 2015 hija waħda sostanzjali. Fis-sena 2011 il-kera kienet €2,600, jiġifieri €216.67 fix-xahar, filwaqt li fis-sena 2015 il-kera kienet €10,100 fis-sena, jiġifieri €841.67 fix-xahar. Din il-qorti ma tistax tgħid

b'ċertezza kemm seta' kien it-telf mill-kera tal-Għaqda Mużkali matul dawk il-ħdax-il xahar li fihom il-proġett iddewwem inutilment. Madankollu, m'hemmx dubju li l-Għaqda ġarrbet telf ta' kera minħabba dan id-dewmien. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, il-qorti sejra taħdem it-telf ta' kera għal kull xahar ta' dewmien fuq il-medja ta' bejn l-ammont ta' €216.67 u l-ammont ta' €841.67, li hija dik ta' €529.17. Maħduma fuq ħdax-il xahar, din twassal għas-somma ta' €5,820.87. Għaldaqstant, hija din is-somma li sejra tiġi likwidata mill-qorti għat-telf mill-dħul tal-kiri tal-bar li ġarrbet l-Għaqda Mużikali;

91. Imiss issa li l-qorti tqis n-nefqa li għamlet l-Għaqda Mużikali biex tikri sala mingħand Tarxien Rainbows għall-perijodu ta' ħdax-il xahar sabiex hija tkun tista' twettaq il-*coffee mornings*. Fil-prospett ippreżentat minnu matul l-istadju tal-provi, is-segretarju finanzjarju tal-Għaqda Mużikali, Edwin Merċieca, niżżel li f'dawk il-ħdax-il xahar l-Għaqda Mużikali nefqet €1,466 għal dan il-għan (ara paġna 222 tal-atti tal-kawża), Fir-rendikont finanzjarju ta' bejn Ottubru 2012 u Settembru 2013 tissemma ċ-ċifra ta' €1,600 (ara paġna 420 tal-atti tal-kawża), madankollu la l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob €1,466, din il-qorti ħa toqgħod fuq din iċ-ċifra fil-likwidazzjoni tad-danni;

92. L-Għaqda Mużikali tgħid ukoll li minħabba d-dewmien fil-proġett hija kella tikri garaxx bil-prezz ta' €7 kuljum sabiex ikollha post alternattiv li seta' jintuża bħala banka tal-lottu. Minħabba f'hekk hija qiegħda tallega danni fl-ammont ta' €2,345. Fil-fatt, hija ressqet numru ta' rċevuti tal-kera li jikkonfermaw din il-kirja tal-garaxx mill-Għaqda Mużikali għall-perijodu ta' bejn Lulju 2012 u t-30 ta' Ġunju 2013 (ara minn paġna 233 sa 235 tal-atti tal-kawża). Il-perijodu li qiegħda tilmenta minnu l-Għaqda Mużikali huwa dak ta' bejn Ġunju 2012 u April 2013, iżda hija naqset li tressaq prova tal-ħlas tal-kera ta' dan il-garaxx għax-xahar ta' Ġunju 2012. Għalhekk, mill-ammont totali ta' €2,345 il-qorti sejra tnaqqas l-ammont ta' €210 li jirrappreżenta l-kera tal-garaxx għax-xahar ta' Ġunju 2012. B'hekk l-ammont likwidat mill-qorti għall-ispiża relatata mal-kirja ta' dan il-garaxx huwa dak ta' €2,135;

93. Dwar in-nefqa tal-Għaqda Mużikali fl-ammont ta' €540 biex hija tuża ċ-ċirklu tal-parroċċa sabiex ikunu jistgħu jsiru l-lezzjonijiet tal-banda, il-kunċerti u l-laqgħat tal-kumitat tal-Għaqda Mużikali, din tal-aħħar ppreżentat sett ta' irċevuti maħruġa mill-Kappillan tal-Parroċċa ta' Maria Annunzjata ta' Ħal Tarxien li jixhdu li ċertu Joe Micallef ta numru ta' donazzjonijiet lill-parroċċa biex jintuża ċ-ċirklu tagħha (ara minn paġna 236 sa 239 tal-atti tal-kawża). Minbarra l-fatt li dawn il-ħlasijiet ġew imniżżla bħala donazzjonijiet, dawn il-flejjes ma jidhrux li ħarġu mill-but tal-Għaqda Mużikali iżda minn dak ta' Joe Micallef. Minbarra dan, dawn il-ħlasijiet bl-ebda mod ma ġew irreġistrati fir-rendikonti finanzjarji tal-Għaqda Mużikali (ara minn paġna 403 sa 434). Għalhekk, darba li din l-ispiża tal-Għaqda Mużikali ma ġietx pruvata, l-ammont ta' €540 mhuwiex sejjer jiġi meqjus fil-likwidazzjoni magħmula minn din il-qorti;

94. Imiss issa li l-qorti tqis il-bqija tad-danni li qegħdin jiġu allegati mill-Għaqda Mużikali. Fil-prospett ta' danni magħmul minn Edwin Merċieca li jinsab f'paġna 222 tal-atti, jinsab imniżżel l-ammont ta' €480 minħabba *«Tberfil/Kiri ta' high up għal 3 ijiem»* u €550 sabiex isir it-tibjid ta' tliet kmamar tal-ġâra tal-każin, Joyce Ċini. Jingħad fil-propsett li dan ix-xogħol sar mill-voluntiera u għalhekk ma saritx irċevuta għalih;

95. Mill-atti ma jirriżultax li l-Għaqda Mużikali ppruvat tispjega għalfejn kien hemm il-ħtieġa li jinkera *high up* għal tlett ijiem. Dwar it-tibjid li allegatament sar, għalkemm fl-affidavit tiegħu, il-President tal-Għaqda Mużikali, Victor Seguna, qal li l-Għaqda Mużikali kellha tkaħħal il-ħitan tal-ġirien wara t-twaqqigħ li sar minn C&F (ara paġna 85 tal-atti tal-kawża), il-ġâra Joyce Ċini ma ġietx imħarrka biex tikkonferma li dawn ix-xogħlijiet fil-fatt saru. Lanqas ġie imħarrek sid il-*high up* biex jikkonferma li dan ġie mikri jew użat mill-Għaqda Mużikali;

96. Il-fatt waħdu li x-xogħlijiet saru mill-voluntiera għall-benefiċċju tal-Għaqda Mużikali ma jfissirx li l-ħin mogħti minnhom ma jistax jiġi kwantifikat fi flus. Madankollu, mill-provi li tressqu quddiemha, u fin-nuqqas ta' xhud indipendenti, din il-qorti mhijiex f'pożizzjoni li tasal għall-konklużjoni dwar jekk ix-xogħljiiet sarux jew le, jew jekk il-*high up* fil-fatt ġiex mikri. Għalhekk, dawn l-ispejjeż mhumiex sejrin jiġu meqjusa fil-likwidazzjoni tad-danni;

97. L-Għaqda Mużikali tgħid ukoll li hija kellha ttella' mill-ġdid il-ħajt diviżjorju ta' bejn l-Għaqda Mużikali u terza persuna. Hija tgħid li għal dan nefqet €604 fil-ġebel u €760 f'daqqiet bil-kolp. Skont is-segretarju tal-Għaqda Mużikali, Anton Briffa, dan il-ħajt spiċċa biex inħatt minn C&F peress li x-xogħol ma kienx sar bil-galbu (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 216 tal-atti tal-kawża). Mir-ritratti li jinsabu f'paġna 218 u 219 tal-atti tal-kawża jidher li huwa minnu li dan il-ħajt ġie mwaqqa' u kellu jinbena mill-ġdid. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-perit Alistair Avallone f'affidavit tiegħu (ara minn paġna 267 sa 269 tal-atti tal-kawża) fejn huwa spjega li dan il-ħajt diviżorju kien twaqqa' f'daqqa, u mhux f'meddi ta' mhux aktar minn tliet metri kull darba u b'intervalli bejn waħda u oħra, skont l-istruzzjonijiet tiegħu;

98. Madankollu, mill-provi li nġabu quddiemha ma jidhrix li l-Għaqda Mużikali ressqet xi prova konkreta biex hija turi li nefqet is-somom hawn fuq imsemmija biex reġgħet bniet dan il-ħajt. Hija ppreżentat biss dokument li jinkludi lista ta' xogħlijiet żejda u varjazzjonijiet li kellhom isiru (ara paġna 245 tal-atti tal-kawża). Mill-atti m'hemmx ħjiel dwar minn min ġie ppreparat dan id-dokument, liema dokument żgur ma jistax jingħad li jikkonsisti f'xi forma ta' rċevuta. Għalhekk, fin-nuqqas ta' prova konkreta, dawn iż-żewġ ammonti mhumiex sejrin jiġu meqjusa fil-likwidazzjoni tad-danni;

99. Fil-prospett ippreżentat minn Edwin Merċieca li jinsab f'paġna 222 tal-atti tal-kawża, bħala danni li allegatament ġew imġarrba mill-Għaqda Mużikali nsibu mniżżla wkoll €1,800 għall-arloġġ tal-ilma li skont l-Għaqda Mużikali ġie mormi mat-terrapien u €600 għal tnax-il travu tal-ħadid, li skont l-Għaqda Mużikali kellhom jibqgħu proprjetà tagħha, iżda li spiċċaw biex ittieħdu minn C&F. Il-qorti tqis li dwar it-telfien tal-arloġġ tal-ilma, l-Għaqda Mużikali ma ressqet l-ebda prova dwar kemm jista' jiswa dan l-arloġġ tal-ilma. Fir-rigward tat-tnax-il travu tal-ħadid l-Għaqda Mużikali preżentat biss ritratt ta' dawn it-travi (ara paġna 240 tal-atti tal-kawża). Il-qorti ttenni li ritratt mhuwiex biżżejjed biex jikkonvinċi lill-qorti li dawn it-travi tal-ħadid ittieħdu minn C&F u li dawn kienu jiswew €1,800. Għalhekk, minħabba nuqqas ta' provi siewja, dawn l-ammonti ta' €1,800 u €600 mhumiex sejrin jiġu meqjusa fil-likwidazzjoni tad-danni;

100. Bħala danni, l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob ukoll li hija tiġi mħallsa minn C&F: €7,375 biex jerġa' jsir il-bir li tkisser għalkollox u biex jitħammel u jissewwa l-bir numru 3; u €13,216 biex jingħata konkos mill-ġdid għall-bitħa li tkissret minn C&F;

101. Dwar it-tkissir tal-bjar, fl-istadju tal-provi ġie spjegat li taħt il-bini tal-każin l-antik, kien hemm numru ta' bjar antiki li kienu konnessi flimkien (ara il-pjanti misjuba f'paġni 195, 196 u 197 tal-atti tal-kawża), tant li skont Victor Seguna s-sit fejn jinsab il-każin huwa magħruf bħala "tal-bjar" (ara paġna 86 tal-atti tal-kawża);

102. Il-partijiet ma jaqblux dwar ir-raġuni għalfejn sar dan it-tkissir. C&F tisħaq li t-tkissir sar bi qbil mal-Għaqda Mużikali għaliex kien hemm il-ħtieġa li tinħoloq rampa biex ħaddiema ta' C&F ikunu jistgħu jinżlu jaħdmu fil-livell tal-kantina (ara x-xiehda ta' Edward Magro f'paġna 455 tal-atti tal-kawża). Min-naħa l-oħra l-Għaqda Mużikali ssostni li hija kienet għarrfet lil C&F li fil-post kien hemm bjar antiki ħafna u li r-rampa ma kellhiex issir fejn C&F insistiet li ssir. Madankollu, skont l-Għaqda Mużikali, C&F webbset rasha u baqgħet għaddejja bix-xogħlijiet kif dehrilha hi, u b'konsegwenza t'hekk ġiet ikkawżata l-ħsara fil-bjar, tant li bir minnhom ġie meqrud għalkollox (ara l-affidavit ta' Victor Seguna f'paġna 85 tal-atti tal-kawża);

103. Dak li tenna Victor Seguna fl-affidavit tiegħu ġie kkonfermat ukoll mill-perit Alistair Avallone meta dan stqarr li C&F kienet iddeċidiet li tagħmel ir-rampa fejn kien hemm il-bjar minkejja li hija ġiet imwissija dwar l-importanza ta' dawn il-bjar (ara l-affidavit ta' Alistair Avallone f'paġna 264 tal-atti tal-kawża);

104. Meqjus dan kollu, il-qorti tħoss li l-verżjoni mogħtija mill-Għaqda Mużikali hija l-aktar waħda li titwemmen għaliex kien fl-interess tal-Għaqda Mużikali stess li tippreserva dawn il-bjar li kienu antiki ferm u li seta' kellhom ukoll valur storiku. Fil-fatt, il-kuntratt li ġie mehmuż mas-sejħa għall-offerti jgħid iswed fuq l-abjad li, *«The Contractor shall be instructed to exercise great care and diligence in the execution of the excavation Works in order to prevent damages being caused to the adjacent third-party properties,*

*and to the existing underground water cistern beneath the bar area interconnected to three bell-shaped underground wells, and/or to the functional area of the Band Club retained in phase 1 so as to be developed in phase 2.»* (ara paġna 107 tal-atti tal-kawża)*;*

105. Fuq kollox, ma ġiex pruvat li kien hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet li r-rampa kellha ssir fejn eventwalment saret. Din il-qorti tqis li C&F kellha toqgħod attenta li twettaq ix-xogħlijiet li ġiet mqabbda tagħmel skont is-sengħa u l-arti mingħajr ma tikkawża ħsarat fis-sit fejn kien qiegħed isir ix-xogħol. Iżda, mill-ġabra tal-provi, il-qorti ħadet l-impressjoni li C&F kellha ħabta tagħmel ta' rasha u kienet tiġi taqa' u tqum mill-ħtieġa li x-xogħlijiet isiru bil-galbu. Għalhekk, il-qorti hija tal-fehma li dawn il-ħsarat saru minħabba nuqqas ta' attenzjoni u serjetà f'xogħolha min-naħa ta' C&F;

106. Dwar il-ħtieġa li jsir mill-ġdid il-konkos fil-bitħa tal-każin il-qorti jirriżultalha li din ġiet ppruvata għaliex kien il-perit imqabbad minn C&F, Edward Magro, stess li kkonferma li waqt ix-xogħlijiet il-konkos tal-bitħa kien inqasam (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 455 tal-atti tal-kawża). Għalkemm, fix-xiehda tiegħu Edward Magro nsista li sa meta l-Għaqda Mużikali żammet iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-ewwel ġebla, C&F kienet sewwiet il-ħsara kollha li kienet għamlet, din l-allegazzjoni baqgħet ma ġietx pruvata. Għalhekk, il-qorti qiegħda żżomm lil C&F responsabbli wkoll għall-ħsara fil-konkos tal-bitħa tal-każin;

107. Issa dwar dawn il-ħsarat li hemm fil-bjar u fil-bitħa tal-każin, l-Għaqda Mużikali preżentat stima magħmula mill-perit Alistair Avallone fejn dan spjega li biex dawn il-ħsarat jissewwew, l-Għaqda Mużikali sejra jkollha tagħmel spiża li tlaħħaq mas-€26,000 (ara paġna 242 tal-atti tal-kawża). Madankollu fil-prospett tad-danni li ġie ppreżentat minn Edwin Merċieca, l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob biex jissewwew dawn il-ħsarat l-ammonti ta' <u>€7,375</u> għall-bjar u <u>€13,216</u> biex isir mill-ġdid il-konkos tal-bitħa (ara paġna 222 tal-atti tal-kawża). Dawn huma ż-żewġ ammonti, li b'kollox jammontaw għal €20,591, li l-qorti sejra tagħti lill-Għaqda Mużikali;

108. Jifdal biss li titqies l-ħsara li l-Għaqda Mużikali qiegħda tgħid li saret fl-arma tagħha li hija magħmula mill-mużajk. Ta' dan l-Għaqda Mużikali qiegħda titlob danni li jlaħħqu mal-€4,130 (ara paġna 222 tal-atti tal-kawża);

109. Fl-affidavit ta' Victor Seguna ġie spjegat li din l-arma kienet imwaħħla mal-art u sfat miksura minn C&F minħabba li din għamlet ir-rampa msemmija aktar 'il fuq fejn fettlilha (ara paġna 86 tal-atti tal-kawża). Dan huwa kkonfermat ukoll mill-perit Alistair Avallone li saħaq li C&F kienet ġiet imwissija dwar l-importanza li din l-arma għandha għall-każin; madankollu C&F ma tatx widen għal dan u għamlet ir-rampa fejn riedet hi biex spiċċat kissritha (ara l-affidavit ta' Alistair Avallone f'paġna 265 tal-atti tal-kawża). Dawn il-verżjonijiet ma ġewx meruti minn C&F matul l-istadju tal-provi;

110. Skont il-prospett li ppreżenta Edwin Merċieca matul l-istadju tal-provi (ara minn paġna 222 sa 224 tal-atti tal-kawża), l-Għaqda Mużikali ma sabitx persuna biex tkun tista' taħdem din l-arma mill-ġdid bil-mużajk. Għalhekk, minflok, l-Għaqda Mużikali kisbet stima biex issir l-arma magħmula mill-irħam. Skont din l-istima, biex issir l-arma mill-ġdid mill-irħam, hija meħtieġa spiża ta' €4,130 (ara paġna 247 tal-atti tal-kawża). Għaldaqstant, dan l-ammont ta' <u>€4,130</u> ukoll sejjer jiġi likwidat mill-qorti bħala parti mid-danni li ġarrbet l-Għaqda Mużikali minħabba t-traskuraġni ta' C&F;

111. B'hekk, meqjus dan kollu, il-qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa minn C&F fir-rigward tal-kontro-talba tal-Għaqda Mużikali, tilqa' l-ewwel talba tal-Għaqda Mużikali u tiddikjara li C&F hija responsabbli għad-danni mġarrba mill-Għaqda Mużikali minħabba li C&F ma wettqitx x-xogħlijiet tal-binja tal-każin tal-Għaqda Mużikali skont is-sengħa u l-arti. Il-qorti qiegħda tilqa' wkoll it-tieni talba tal-Għaqda Mużikali billi tillikwida d-danni mġarrba minnha fl-ammont ta' <u>€47,504.87</u> u tordna lil C&F tħallasha dan l-ammont;

112. Fl-aħħar nett, peress li fir-rikors maħluf ma ġie indikat l-ebda ammont ta' danni iżda saret talba biex id-danni mġarrba minnha jiġu likwidati mill-qorti, fuq is-saħħa tal-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, din il-qorti sejra tkun qiegħda tordna lil C&F tħallas

l-imgħax bir-rata ta' 8% fuq l-ammont ta' €46,038.87, liema mgħax għandu jibda miexi mid-data ta' din is-sentenza;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata 1862 għat-talba mressqa minn C. & F. Building Contractors Limited;

ii. **Tilqa'** t-talba ta' C. & F. Building Contractors Limited, iżda sal-ammont ta' €41,148.28, u tikkundanna lill-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata 1862 tħallas lil C. & F. Building Contractors Limited is-somma ta' €41,148.28, b'imgħax kummerċjali bir-rata ta' 8% fis-sena fuq din is-somma, li jibda għaddej mit-3 ta' Diċembru, 2012, jiġifieri mid-data li fiha l-ħlas ta' din is-somma sar dovut, sad-data tal-ħlas effettiv;

iii. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' C. & F. Building Contractors Limited għall-kontro-talba mressqa mill-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata 1862;

iv. **Tilqa'** l-ewwel talba tal-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata 1862 u tiddikjara li C. & F. Building Contractors Limited hija responsabbli għad-danni mġarrba mill-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata 1862 minħabba li C. & F. Building Contractors Limited ma wettqitx ix-xogħlijiet tal-binja tal-każin tal-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata 1862 skont is-sengħa u l-arti;

v. **Tilqa'** wkoll it-tieni talba tal-Għaqda Mużikali Maria Annunzjata 1862 billi tillikwida d-danni mġarrba minnha fl-ammont ta' €47,504.87 u tordna lil C. & F. Building Contractors Limited tħallasha dan l-ammont flimkien mal-imgħax sempliċi bir-rata ta' 8% mid-data ta' din is-sentenza sakemm isir il-ħlas effettiv;

Fl-aħħar nett, il-qorti **tordna**, fuq il-kejl tar-rebħ u t-telf taż-żewġ partijiet fil-kawża, li l-ispejjeż tal-kawża ewlenija u tal-kontro-talba, magħduda magħhom dawk tal-ittra uffiċjali mibgħuta minn C. & F. Building Contractors Limited fil-11 ta' Frar, 2014, għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn iż-żewġ partijiet. Dwar l-ispejjeż marbuta mar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1221/14JA maħruġ minn C. & F. Building Contractors Limited, il-qorti ma hija sejra tagħti l-ebda provvediment għaliex l-ispejjeż dwaru kienu ġa ġew deċiżi fid-digriet tal-24 ta' Settembru, 2014 fil-proċeduri bin-numru ta' riferenza 761/2014.

__________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

__________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**